QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

It-Tlieta 9 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` online permezz ta' *Microsoft Teams* fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 15.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

15.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 15.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

15.2.1 Peress li l-minuti tal-hdax, tnax, tlettax u l-erbatax il-laqgha, bl-ahhar tliet laqghat li kienu laqghat b'urgenza, tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Is-Sindku semma l-ahhar laqgha ghada ma gietx mtellgha *recording online* u ghalhekk huwa qal li xhin din tigi mtellgha imbaghad japprova l-minuti tal-ahhar laqgha. Ghalhekk il-minuti tal-hdax, it-tnax, it-tlettax il-laqgha gew approvati unanimament.

Il-Vici Sindku semma li gie mistieden l-Inginier Mario Galea sabiex jaghti spejgazzjoni dwar ir-rapport tal-PV's tal-*ground* tal-futbal u peress li l-laqgha qedha online il-Kunsill iddecida li ghandu jidhol fil-laqgha issa. L-Inginier dahal fil-laqgha. Huwa semma li kellu jirrevedi r-rapport peress li kien hemm xi haga nieqsa fih. Huwa ta spjegazzjoni tal-*options* kollha dwar il-PV's tal-*ground*. Is-Sindku semma li jekk dawn il-PV's ser jibqghu l-*ground* ghandu jintuza l-cable li kien hemm. Il-Vici Sindku semma li huwa gie nformat li dan il-*cable* kien ingibed b'xi *truck* sabiex jinqala. L-Inginier semma li ma jistax jaghti garanzija li dak li hemm huwa tajjeb u ghalhekk l-ahjar li jsir *cable* gdid. Il-Vici Sindku semma li l-*options* dik li l-PV's jigu trasferiti fuq il-bejt tal-iskola, jekk isir hemm ikun hemm hafna vantaggi, izda jrid isir *meter* ghal Kunsill. Huwa semma li l-*electrician* li ssoltu ssewwi xi hsarat tal-Kunsill semma li dejjem kienet ix-xewqa tieghu li xi darba jsir *meter* ghal Kunsill separat mill-iskola peress li kull meta kien imur jaghmel xoghol tad-dawl il-Kunsill dejjem ikun bezghan li se taqa' s-salvavita li qedha fil-bini tal-iskola. Il-*meter* li jrid isir irid ikun 3 *phase* u jkun ghal bini tal-Kunsill biss izda sabiex dan isir trid tigi inkluzi s-sala tal-iskola ghax sabiex jinghata *meter* il-bini tal-Kunsill irid ikun maqtugh minn mal-bini tal-iskola u hekk tissolva l-problema tal-funtana. Is-Sindku semma li nfatti huwa pprova jgib *meter* sabiex tigi solvuta l-problema tal-funtana. Gie diskuss illi jrid jigi nformat is-Surmast tal-iskola. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jaghtu izjed *credit* fejn l-iskola ghax Gnien il-Familja m'ghadux jinhela konsum tad-dawl ghax il-fanali huma LED's. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi l-*airconditions* tal-librerja u l-berga wkoll ikunu *covered* kieku. Il-Vici Sindku semma li hekk minflok isir *meter* ghal funtana biss isir *meter* ghal bini tac-Centru Civiku kollu. Is-Sindku semma li ghandhom jingabu l-istimi sabiex isir dan ix-xoghol filwaqt li l-inginier jithallas tar-rapport li huwa ghamel. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza.

15.3.1 Is-Sindku ppropona li l-*litter bins* li hemm fi Pjazza San Guzepp ghandhom jigu mbattal mill-haddiema tal-CWSEF nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd u dawn jithallsu *overtime*. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.2 Is-Sindku semma li ser tinhareg l-offerta ghax-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq it-28 t'April 1688.

QALA

15.3.3 Is-Sindku semma li kien hemm zewg applikazzjonijiet sabiex jitnaddfu l-wied tal-marga u l-wied ta' grejgel fil-Ministeru ghal Ghawdex izda jidher li x-xoghol mhux ser isir kif kien ippjanat u miftiehem. Huwa semma li bghat xi ittri l-Ministeru imma ghadu ma rcievix risposta. Gie deciz illi ghandha tintbghat ittra lill-Ministeru dwar dan u sabiex isir kollox kif kien ippjanat.

15.3.4 Is-Sindku semma illi hemm xi Kunsilli li l-kumpanija tar-*recycling* li huma ghandhom il-ftehim maghhom mhux qed jigbrulhom ir-*recylcing*. Huwa semma li r-Regjun hareg b'risposta sabiex il-Kunsilli jinghaqdu kollha ma xulxin dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.5 Is-Sindku semma li hemm talba l-Ministeru sabiex tittranga Triq tac-Cawl.

15.3.6 Is-Sindku semma li ser jinbidel il-*main* tal-ilma ta' Triq il-Wardija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar jekk it-triq hux ser issir kollha bit-tarmak. Is-Sindku semma li l-Ministeru precedenti kien talab stima lill-kuntrattur imma issa ma jafx se jigri.

15.3.7 Is-Sindku semma li ntefa borg gebel minn kuntrattur fi Triq Wied Simar. Gie deciz illi jigi kkuntatjat il-kuntrattur li tefghu sabiex jitnehha.

15.3.8 Is-Sindku semma li ghandha tintbghat ittra ta' ringrazzjament lil Avukat Dr Claire Bonello tas-servizzi taghha. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.9 Is-Sindku semma li ghandha jsir talba sabiex jintalab il-haddiem Charlie Bigeni jerga jigi assenjat mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.10 Is-Sindku semma li rcieva talba sabiex li jsir *road hump* fi Triq iz-Zewwieqa. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ma jsirx.

15.3.11 Giet trattata din il-korrispondenza:

15.3.12 Talba minghand haddiem assenjat mal-Kunsill ghal *petrol allowance.* Is-Sindku semma li huwa stess jahdem mal-Gvern u qatt ma joqghod ifittix dawn l-affarijiet. Huwa qal li ser jghidilhom illi l-Kunsill behsiebu jixtri trukk elettriku, fejn imbaghad ikunu jistghu juzawh dawn il-haddiema.

15.3.13 Decision notice dwar l-applikazzjoni PA/02680/08.

15.3.14 PQ's 14300 u 14704 u r-risposti taghhom.

15.3.15 Ittra mibghuta mir-Radju Lehen il-Qala fejn gie mitlub hlas ta' €900 ghas-sistema ta' *sound* fi Pjazza San Guzepp , Triq it-28 ta'April 1688 u Pjazza Mikiel Frangisk Buttigieg ghaz-zmien tal-festa. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.16 *Qala Local Performance Report* ghal 2019 li gie mibghuta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

15.3.17 Estenzjoni ta ftehim mibghuta mid-Dipartiment ghall Gvern Lokali dwar zvilupp ta' libreriji lokali/regjonali f'centri tal-komunita` fejn taw estenzjoni sat-23 ta' Dicembru 2020.

15.3.18 Ittra mibghuta mid-Data Protection Officer dwar Lands Agreement – Data Processing Agreement. Dan huwa dwar is-servizz ta' hlas tal-Artijiet li joffri l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jigi ffirmat.

15.3.19 Ittra mibghuta mill-Qala Saints FC dwar firma minghand is-Sindku habba xi applikazzjoni tal-progett tal-*ground* li huma ghandhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.20 Ittra minghand Charles Bezzina dwar il-ktieb celebri bit-titlu il-Qilla tal-Gwerra fuq Ghawdex 1940-1943. Il-Kunsill iddecida li jordna zewg kopji. Is-Sindku u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmew illi persuna mill-Qala qedha tikteb ktieb u tixtieq illi l-Kunsill jisponsorja. Is-Sindku semma li ser imur ikellem lil din il-persuna u jara ezatt xi jrid.

15.3.21 Ittra mibghuta minn Dorianne Dalli dwar *bus stop* li hemm qrib tal-*garage* taghha fi 97, Triq il-Kuncizzjoni fejn talbiet sabiex titressaq ftit l-fuq. Il-Kunsill iddecida li din il-*bus stop* ghandha tibqa fejn hi peress jekk titressaq ftit il-fuq ikun hemm il-problemi.

15.3.22 Kont dwar bini ta' hajt li waqa bil-maltemp fi Triq il-Wileg li jammonta ghal €1,139.77. Is-Segretarja dan ma kienx gie diskuss fil-laqgha tal-Kunsill. Is-Sindku semma li huwa avvicinah il-kuntrattur sabiex jibni dan il-hajt u li huwa talbu stima l-ewwel sabiex jigi mghoddi Kunsill izda dan il-kuntrattur qabbad mar u bnieh. Wara dikussjoni l-Kunsill iddecida li dan il-kont m'ghandux jithallas.

15.3.23 Fil-COVID kien hemm bzonn li jinxtara *laptop* sabiex jintuza mis-Segretarja Ezekuttiva peress li kienet qedha tahdem *remotely* mid-dar, l-approvazzjoni tal-Kunsill kien diga` sar permezz ta' email. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.24 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lit-Transport Malta dwar double yellow lines fi Triq iz-Zewwieqa.

15.3.25 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-ITS dwar il-problema tal-wied tal-ilma tax-xita li jghaddi minn quddiem l-iskola u sabiex l-ITS ihallu l-*gates* taghhom miftuha sabiex it-tfal jghaddu minn hemm. Il-Kunsill ircieva risposta li ma jsibux oggezzjoni ghal dan.

15.3.26 Giet mibghuta ittra lir-Regjun t'Ghawdex fejn gie informat illi l-Kunsill interessat li jippartecipa fil-provvediment ta' Servizzi Socjali u tal-Familja fil-lokalita`.

15.3.27 Giet mibghuta stqarrija ghall-istampa dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 8590/19 u PA 8669/19.

15.3.28 Ittra mibghuta lill-EACEA Network of Towns fejn gie mitlub estenzjoni ghal progett tal-EUISM minhabba l-COVID.

15.3.29 Ittra mibghuta lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex fejn gie mitlub sabiex il-Kunsill jinghata l-haddiema peress li l-Kunsill bhalissa ghandu nuqqas ta' haddiema minhabba diversi fatturi. Il-Kunsill ircieva risposta li jistax jilqa t-talba tal-Kunsill peress li l-Ministeru ghandu l-isfidi tieghu.

15.3.30 Ittra mibghuta lis-sidien tal-barrieri/readymix fejn gew informati li ser tibda tahdem c-CCTV cameras fi Triq il-Wileg.

15.3.31 Giet mibghuta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-*facebook page* tal-Kunsill.

15.3.32 Ittra mibghuta lill-CWSEF dwar it-tbattil tal-*litter bins* tal-klieb. Il-Kunsill ircieva risposta illi jekk il-haddiema jinghataw *protective wear* huma obligati li jaghmlu dan ix-xoghol.

15.3.33 Ittra li giet mibghuta mill-Kunsill lil Transport Malta dwar talba sabiex jizdied id-*double yellow line* fi Triq iz-Zewwieqa.

## 15.4 Twegibijiet ghal Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

15.4.1 Il-Vici Sindku semma dwar l-*email* li rcieva l-Kunsill minghand Shift News dwar applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp fi Triq it-Tempju li hija ta' qarib ta' membru tal-Kunsill u li huwa massiv. Huwa spjega li din l-applikazzjoni hija t' huh u li l-izvilupp mhumiex kbir. Wara dan il-Kunsill iddecida li jirrispondi li l-Kunsill joggezzjona ghal applikazzjonijiet li jkunu *outside development zone* u ghalhekk ma jsibx oggezzjoni ghax din l-applikazzjoni hija fid-*development zone*. Kif ukoll li l-izvilupp propost mhuwiex kbir daqs kemm qed jghidu huma.

15.4.2 Il-Vici Sindku semma illi l-post fuq *facebook page* tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp dwar id-Dar ta' Muxi, ismu mhux imnizzel tant illi l-habib tieghu qallu li hasbu li huwa (il-Vici Sindku) huwa favur din l-applikazzjoni. Is-Sindku semma li ma ndunax u skuza ruhu.

15.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuggerit li ghandhom isiru l-lezzjonijiet tal-Malti ghal barranin. Gie deciz illi ghandu jinstab xi hadd sabiex isiru l-lezzjonijiet *online* peress li bhalissa hawn il-COVID. Hi ssuggerit ukoll li ghandhom isiru lezzonijiet tal-ghawm. Gie diskuss illi dan ahjar ma jsirux peress illi jekk jinqala xi incident ikun responsabbli l-Kunsill.

15.4.4 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li rcieva diversi ilmenti li xhin qed jingabar l-iskart domestiku u dak organiku nhar ta' Tnejn, dawn mhux qed jigu sseparati xhin jintefghu gol-iscammel. Il-Vici Sindku semma li huwa kien tkellem ma tal-Wasteserv dwar dan u qalulu li jistghu jaghmlu *surprise inspection*, izda din irid jitlobha l-Kunsill. Il-Kunsill iddecida illi l-ewwel ghandha tintbghat ittra lil kuntrattur dwar dawn l-ilmenti u li jekk jibqghu jippersistu imbaghad il-Kunsill ghandu jitlob sabiex isiru s-*surprise inspections.*

15.4.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona li l-Pjazza ghandha tinghalaq ghal karozzi tal-inqas darba fil-gimgha per ezempju il-Hadd filghodu, tkun prova ghalissa, tkun ghal pedestrians. Il-Kunsill iddiskuta li l-ewwel l-ahjar isir konsultazzjoni ma tar-*restaurants*, izda bhalissa hem mil-COVID u dan ma jistax isir. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li jsir prova ta' darba ghalissa.

15.4.6 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi qed ikollu ilmenti li qed jghaddi l-istess truck kontra s-sistema tal-*one way* ghat-trukkijiet. Is-Segretarja semmiet illi dan it-*truck* propju qed jghaddi skond ir-rotta biss huwa trukk ta' kumpanija li mhux suppost juza din ir-rotta ghalhekk giet mibghuta *email* sabiex jibda juza r-rotta li suppost li qed juza. Is-Segretarja semmiet ukoll illi hemm xi trukkijiet li huma kbar fil-qies u li kien nhareg permess tal-Kunsill sabiex jkunu jistghu jghaddu kontra din ir-rotta. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jibqghu. Is-Sindku semma li nghatat xi citazzjoni.

15.4.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma illi kellu xi ilmenti li trukkijiet ma jdurux mar-*roundabout* kif suppost u li hemm dghajsa u karozzi pparkjathi u li talbu sabiex isir *double yellow line.* Is-Sindku u l-Kunsillier Karl Buttigieg iddecidew li jmorru fuq il-post sabiex jaraw.

15.4.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li ghandu jinghalaq Ta' Bumbarin b'*swimmers zone*. Is-Sindku semma li diga ghamel talba u ma accettawx ghal din is-sena. Huwa semma li ser terga jsir talba ohra.

15.4.9 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ressaq ilment dwar il-hajt li qed jaqa fi Triq ta’ Hondoq Is-Sindku semma li din it-talba qedha f’idejn Amity Galea tal-Ministeru ghal Ghawdex

## 15.5 Xoghol ta’ *water culvert* u *resurfacing* f’parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

15.5.1 Is-Sindku semma li l-Perit tal-Kunsill ser ikun qed jiehu hsieb ix-xoghol t’ *water culvert* u *resurfacing* f’parti minn Triq il-Kuncizzjoni. Is-Segretarja semmiet illi l-Kunsill ircieva stima minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar l-ispejjes tax-xoghol li jrid ihallas il-Kunsill u issa ricenti rcieva stima ta’ Triq it-28 ta’April 1688 ghalih.. Is-Sindku semma li l-Kunsill m’ghandu jhallas xejn u li huwa ser jitlob laqgha mal-Korporazzjoni sabiex tigi *cleared* din l-istima.

## 15.6 *Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

15.6.1 Is-Sindku semma li l-Perit tal-Kunsill ser jiehu hsieb il-progett ta’ *embellishment* tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

## 15.7 *Roundabouts* madwar il-Qala.

15.7.1 Is-Sindku ppropona illi l-Perita li giet imqabbad sabiex tipprepara xi *bill of quantities* dwar ir-*roundabouts* madwar il-Qala ghandna tithallas tas-servizz taghha u issa ghandu jigi mqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jkompli jiehu hsieb dan il-progett hu. Huwa ppropona wkoll li dan il-progett ghandu jsir mill-fondi tal-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 15.8 Hrug tal-offerta ghal trukk tal-elettriku.

15.8.1 Is-Sindku semma li ghandha tinhareg offerta sabiex jinxtara trukk tal-elettriku. Gie diskuss li l-Kunsill ghandu jara x’specifikazzjonijiet jistghu jsiru.

## 15.9 *Qala International Folk Festival.*

15.9.1 Is-Sindku talab l-opinjoni tal-membri tal-Kunsill dwar ghandux jigi organizzat il-*Qala International Folk Festival*. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi l-avvenimenti tal-Kulturali kollha gew mhassra. Il-Kunsill iddecida illi peress li l-*Cash and Band* kienu diga` bbukkjati, dawn ghandhom jigu xorta wahda jaghtu kuncert dakinhar meta kien ser isir dan il-*festival* u li jekk ikun hemm xi problema ghandu jigi kkancellat kollox.

## 15.10 Lezzjonijiet tal-Kompjuters.

15.10.1 Giet trattata l-email li l-Kunsill ircieva minghand il-HORIZON dwar lezzjonijiet fuq it-*tablets*. Il-Kunsill iddiskuta li l-kors huwa gholi u li l-ahjar hu li l-Kunsill ghandu jistenna sakemm jghaddi l-COVID u imbaghad jigi mqabbad xi hadd mir-rahal sabiex jaghti xi tip ta’ kors tal-kompjuter.

**15.11 *Contracts Manager* u *Preventive & Routine Maintenance Contractor* responsabbli mid-*Decorative Lights* u Dwal iehor tal-Kunsilli Lokali.**

15.11.1 Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Ghawdex dwar proposta ghall-offerti regjonali - *Contracts Manager* u *Preventive & Routine Maintenance Contractor* responsabbli mid-*Decorative Lights* u Dwal iehor tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni dwar il-materja l-Kunsill unanimament qabel ma din il-proposta.

**15.12 Il-Progett *Green Urban Areas*.**

15.12.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ta rendikont tal-ahhar zviluppi dwar il-progett *Green Urban Areas*. Huwa semma illi fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien gie deciz li ghandi tigi kkuntatjatha dik il-persuna li qed tghid li l-*area* ta' Hondoq hija taghha dwar jekk jaccettax li jithawwlu xi sigar hemm. Il-Kunsillier semma li huwa kkuntatjah izda dan ma accettax li jithawwlu s-sigar. Ghalhekk din il-proposta ser tigi kkancellatha u f'Hondoq ser jithawwlu biss bruk fil-bajja. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ppropona li l-fondi li kienu ser jintuzaw ghal dan il-posta issa ghandhom jintuzaw ghal xogholijiet ta' manutenzjoni u tisqija. Huwa semma li l-*Memorandum of Understanding* irid jinbidel skond dan. Huwa ssuggerixxa li lis-Sur Joseph Bonello l-persuna li qed jiehu hsieb il-progett ghandu jinghata 5% mill-ammont li ser jigi allokat il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan kollu. Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xibka tal-ghasafar li kien hemm 'il fuq mill-*ground* tal-futbal li kienet fi proprjeta tal-Kunsill minghajr ma kien jaf il-Kunsill; li issa tnehhiet

**15.13 Bord tal-evalwazzjoni ghall-offerta ghas-Servizz Professjonali ta' Avukat.**

15.13.1 Is-Sindku semma li peress illi z-zewg offerenti ghas-Servizz Professjonali ta' Avukat issottomettew l-istess prezz, xi bord tah parir illi jekk il-Kunsill jaqbil li x-xoghol jinqassam bejn iz-zewg offerenti ma jsibux oggezzjoni ghal dan il-ftehim. Is-Segretarja semmiet illi fil-laqgha numru 12, giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jistax jipprovdi xi persuni sabiex ikunu membri fil-bord tal-evalwazzjoni ghall-offerta ghas-Servizz Professjonali ta' Avukat. Il-Kunsill ircieva risposta u fost affarijiet gie ppropniet illi f'kaz li l-Kunsill ma jkunx jista jsib membri dan jista jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill regjonali jew tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn jkunu jistghu jassistu fl-ghazla tal-membri. Ghalhekk giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-Regjun t'Ghawdex dwar din il-materja u l-Kunsill ircieva risposta lura u fost affarijiet gie ssuggerit illi l-Kunsill jaghzel li jahtar lil xi kumpanija tal-Awdituri sabiex tevalwa din l-offerta jew tintalab *ruling* minghand il-*Contracts Committee* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Kopja tar-din ir-risposta kienet diga` ntbghatet lil Kunsilleri kollha. Is-Segretarja semmiet wkoll illi sadanitant il-Kunsill ircieva Mistoqsija Parlamentari dwar din l-offerta fejn ippreparat ir-risposta li *draft* taghha li ntbghatet lill-Kunsillieri kollha b'email ghall-approvazzjoni qabel ma tintbghat. Hija semmiet illi rcevejt risposta lura mid-Dipartiment fejn irreferew ghar-risposta tal-Kunsill u li huma qeghdin f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jinghataw gwida dwar din l-offerta. Is-Sindku semma li l-ahjar haga li jsir hija li jitqassam ix-xoghol bejn iz-zewg offerenti. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku ghandux bil-miktub dan. Is-Sindku semma li ser igib. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li qed issemmi dan peress li laqghat ilu s-Sindku wkoll kien qal li mhemmx ghalfejn jiltaqa` bord sabiex jevalwaw dawn l-offerti peress li huma taht l-€10,000 u li dan spicca ma kienx minnu. Is-Sindku semma li naraw ir-*ruling* mid-Dipartiment. Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg ma qablux li x-xoghol ghandu jinqassam peress li l-Kunsill irid joqghod jiddecida lil minn ser jaghti x-xoghol. Giet trattata wkoll l-ittra li giet mibghuta mill-Kunsill dwar dak li qal is-Sindku fejn offerti taht

€10,000 mhemmx ghalfejn bord tal-evaluazzjoni u r-risposta tad-Dipartiment li kull sejha irrispettivament mill-ammont irrid ikun mahtur bord.

## 15.14 Approvazzjoni tal-*Annual Administrative Report* 2019.

15.14.1 Is-Segretarja semmiet illi hija ppreparat l-*Annual Administrative Report 2019*. Hija bghatet kopja ta' dan ir-rapport lill-Kunsillieri b'*email* sabiex ikunu jistghu jistudjawh ftit qabel il-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

## 15.15 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

15.15.1 Is-Segretarja qrat l-iskedi tal-pagamenti b'referenzi numru SP 6/2020 u SP 7/2020. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'dawn l-iskedi ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 15.16 Mozzjonijiet.

15.16.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 15.17 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

15.17.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2020.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv